MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Numru 158/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs.**

**Wesly Zammit**

**Illum 29 ta' Marzu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Wesly Zammit ta' 18-il sena, iben John Joseph David u Caroline nee` Pace, imwieled il-Pieta` fil-21 ta' Dicembru 1986, u joqghod fil-fond Vista Terrace, Flat 2, Triq l-Iskuna, Qawra u detentur

ta' karta tal-identita` Maltija bin-numru 21287(M) gie akkuzat:

Talli fil-15 ta' Settembru 2004 u/jew fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti fil-Qawra, b'atti maghmulin minnu li jiskru l-istess disposizzjonijiet ta' Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' prodotti tal-ikel u flus li l-valur taghhom jammonta ghal aktar minn elf lira Maltin (Lm1000) min go Anuksi Stationery li jinsab fi Triq l-Iskuna fil-Qawra, ghad-dannu ta' Claudine Graham, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RC3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Cassar iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(c) u (d), 268, 279(b), 280(1) u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Wesly Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-eta` tenera tal-imputat, il-fedina penali

netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Cassar iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Wesly Zammit ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum l-imputat Wesly Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Wesly Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------